**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, sbatax (17) ta' Ġunju 2025

Kawża Nru 305/2024

**Il-Pulizija**
***(Supretendent Bernard Charles Spiteri)***

Vs

**Gordean Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Gordean Grech**, imwieled fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 1984 u residenti ġewwa 72, Triq Wenzu Mintoff, Kerċem, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 1785(G) talli nhar il-ħamsa (5) ta' Awissu 2023 għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa u nofs neqsin ħamsa ta' wara nofsinhar (16:25hrs) u l-erbgħa u

nofs u ħamsa ta’ wara nofsinhar (16:35hrs) fl-inħawi ta’ Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Għawdex:

(1) b’nuqqas ta’ ħsieb jew bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti, ikkaġuna offiża (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta’ Emma D’Arcy skont kif iċċertifika Dr Nicholas Vella MD tal-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex, liema offiża ġabet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali.[1]

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda prodotti mid-Difiża;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawża kienet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti f’dan il-każ huma s-segwenti: nhar il-ħamsa (5) ta’ Awissu 2023, kienet qiegħda tinżamm it-Tiġrija taż-Żwiemel b’rabta mal-Festa ta’

[1] Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Santa Marija. Għall-ħabta tal-erbgħa u nofs u ħamsa ta' wara nofsinhar (16:35hrs), il-Pulizija ġew infurmati li kien seħħ inċident bejn żiemel u persuna femminili viċin iz-zebra crossing li tinsab fejn l-istabbilment Arkadia. X'ħin l-Ispettur illum Suprtendent Bernard Charles Spiteri wasal fuq il-post, il-mara kienet ġia ġiet meħuda l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għall-kura. Il-mara ġiet identifikata bħala Emma D'Arcy.

Il-Pulizija għamlu kuntatt mas-security tal-Arkadia sabiex huma jkunu jistgħu jingħataw aċċess għall-cameras tas-sigurta tal-istabbiliment peress li l-inċident seta' inqabad mill-istess cameras. Il-Pulizija raw il-filmati tal-inċident u grazzi għal dan il-filmat waslu għall-persuna li kien qed isuq iż-żiemel dak il-ħin. Huwa ġie identifikat bħala Gordean Grech.

Xi ġranet wara, il-Pulizija ippruvaw jagħmlu kuntatt mal-vittma fuq numru tat-telefon li huma kellhom. In-numru pero irrispondietu ċerta Annabelle Rankin li infurmat lill-Pulizija li l-vittma ma setgħetx titkellem għax sadanittant kienet tatha stroke. Hija infurmat wkoll lill-Pulizija li dakinhar tal-inċident hija kienet ma' Emma. Annabelle spjegat Ii hija qasmet min-naħa ta' Pjazza President JF Kennedy għall-Arkadia. Emma kienet qiegħda miexja warajja. Hekk kif Emma kienet qed taqsam, hija spiċċat imtajjra minn żiemel. Rankin spjegat li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li kien hemm it-tiġrijiet taż-żwiemel dak il-ħin u lanqas ma kien hemm ħadd biex iwaqqaf in-nies milli jaqsmu. Rankin kompliet tgħid li hija ħasbet li t-triq kienet miftuħa normali għax kien hemm persuni oħra li qegħdin jaqsmu.

D'Arcy ġiet iċċertifikata li kienet soffriet feriti gravi peress li soffriet ksur fi spallitha.

Il-Pulizija bagħtet għall-akkużat Gordean Grech fejn huwa attenda l-Għassa flimkien mal-legali tal-fiduċja tiegħu. Grech stqarr mal-Pulizija li waqt li huwa kien qed isaħħan iż-żiemel, x'ħin kien nieżel lura 'l isfel lejn l-Arkadia induna li mess persuna, prova jwaqqaf iż-żiemel u ma waqafx. Huwa kompla jgħid li kien hemm kuġinuh aktar 'l isfel fejn l-istart line. Huwa baqa' sejjer hemm, tah iż-żiemel u mar ifittex lill-Pulizija. Kompla jgħid li t-triq kienet magħluqa għat-traffiku sabiex isiru t-tiġrijiet taż-żwiemel u li mill-kumpless tal-iskejjel direzzjoni lejn ix-Xatt ma kienx hemm barriers tal-ħadid jew security biex iwaqqaf in-nies milli jaqsmu.

D'Arcy baqgħet qatt ma xehdet f'dawn il-proċeduri peress li hija mietet ħdax -il ġurnata wara li seħħ dan l-inċident. Pero ma jidhirx li l-mewt tagħha kienet relatata ma' dan l-inċident. Grech tressaq il-Qorti sabiex iwieġeb għall-akkuża odjerna.

Ikkunsidrat;

Biex tirriżulta l-offiża kontemplata fl-imputazzjoni li qiegħda tiġi addebitata lill-akkużat trid tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew

konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[2]

Il-Qorti għalhekk għandha qabel xejn teżamina d-dinamika tal-inċident biex jiġi stabbilit jekk jeżistix dan in-ness ta' kawżalita fis-sens jekk jistax jingħad li kien l-akkużat li ikkawża s-sinistru mertu ta' dawn il-proċeduri. Dan għaliex fin-nuqqas ta' dan in-ness din l-imputazzjoni ma tistax tirriżulta.

Il-Qorti fliet fid-dettal l-atti u tirrileva s-segwenti:

(a) mhux kontestat li l-akkużat kien qed isuq iż-żiemel fil-mument tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Dan ikkonfermah l-istess akkużat fl-istqarrija volontarja li huwa ta lill-Pulizija meta bagħtu għalih. Dan jinsab wkoll korraborat mill-filmat li ġie esebit minn PS 2106 Silvie Axiak, liema filmat id-difiża ma tikkontestah bl-ebda mod;

(b) minn eżami tal-filmat jirriżulta li l-parte civile qabdet iż-zebra crossing min-naħa ta' Pjazza Kennedy u kienet qiegħda taqsam

[2] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

għan-naħa tal-McDonalds li jinsab fil-kumpless Arkadia. Fil-mument li seħħ l-inċident, l-parte civile ma kinitx għadha se tibda taqsam iżda kienet ġia qabżet aktar minn nofs it-triq. Qabel ma tibda taqsam, hija tidher tħares 'l fuq lejn id-direzzjoni ta' fejn hemm l-iskejjel. Wara li tħares, hija tibda miexja. Hija ma kinitx qiegħda tiġri iżda kienet għaddejja bil-mod u kienet wkoll qiegħda tagħmel użu minn bastun;

(c) mill-filmati jidher li l-vittma ma kinitx l-unika persuna li qasmet it-triq dak il-ħin. Kien hemm diversi persuni li kienu qegħdin jaqsmu t-triq minn angoli differenti tal-istess triq, indikazzjoni ċara għall-Qorti li f'dak il-punt tat-triq f'dak il-ħin ma kien hemm l-ebda restrizzjonijiet u l-pubbliku seta' juża u jaqsam it-triq liberament;

(d) minkejja li kien hemm in-nies mexjin, iż-żiemel jidher li kien għaddej b'ċerta veloċita. Dan huwa evidenti mill-istess filmat esebit;

(e) fl-istqarrija li huwa ta lill-Pulizija, l-akkużat jgħid *"indunajt li missejt persuna"*[3], dikjarazzjoni li għall-Qorti tfisser li qabel ma seħħ l-inċident l-akkużat lanqas biss kien intebaħ bil-parte civile li kienet qiegħda taqsam it-triq. L-akkużat jistqarr wkoll kif ma kien hemm l-ebda barrier tal-ħadid u l-ebda security biex iwaqqaf in-nies milli jaqsmu;[4]

---

[3] Fol. 8 tal-proċess.
[4] Ibid.

(f) id-dikjarazzjonijiet l-oħra li għamel l-akkużat mal-Pulizija ma jsibux riskontru fil-filmat esebit. L-akkużat jgħid li wara li induna li mess persuna huwa ipprova jwaqqaf iz-ziemel u ma rnexxilux. Il-filmat pero jgħid mod ieħor. L-akkużat waqaf preċiżament quddiem il-bieb ċentrali tal-Arkadia u għalhekk ftit metri biss mill-post fejn seħħ l-impatt. Apparti minn hekk ma kellux għalfejn jibqa' nieżel 'l isfel biex isib lil xi ħadd ma' min iħalli ż-żiemel. Eżattament kif waqaf jidher li mar persuna fuq l-akkużat, ikellmu u dritt wara l-istess akkużat jidher nieżel jiġri 'l isfel biż-żiemel. Minn qari tal-affidavit ta' PS 2106 Silvie Axiak ma jidhirx li l-akkużat mar għamel kuntatt mal-Pulizija kif qal; anzi jidher li l-Pulizija waslet għalih minn eżami tal-istess filmat. Dan jimmina l-kredibbilita tal-verżjoni li l-akkużat ta lill-Pulizija f'dan ir-rigward għaliex tindika nuqqas ta' sinċerita f'dak li qal;

(g) Annabelle Rankin tikkonferma li fil-mument li seħħ l-inċident it-triq kienet għadha miftuħa għat-traffiku u ma kien hemm xejn x'jindika li persuni ma setgħux jaqsmu t-triq.

Dawn il-fatti li ħarġu mill-provi prodotti iwasslu lill-Qorti sabiex tikkonkludi li l-akkużat kien negliġenti u traskurat huwa u jsuq iż-żiemel tiegħu u żgur li ma kienx qed jippresta l-attenzjoni neċessarja. Dan għaliex:

(i) ma rax dak li seta' faċilment jara – la darba l-parte civile kienet ġia qasmet aktar min-nofs it-triq u kienet għaddejja bil-mod, ma seta' bl-ebda mod jingħad li l-parte civile ħasditu, ikkreat emerġenza subitanea u li għalhekk hi kienet il-kawża prossima tal-inċident;

(ii) fis-sottomissjonijiet tagħha, id-difiża targumenta li meta sewwieq jkun qed isuq żiemel bis-serkin ikollu l-viżwali tiegħu faċċata xi ftit jew wisq mfixkla minġabba ras iż-żiemel u li għalhekk wieħed irid jara bil-fors mill-ġenb. Targumenta wkoll li żiemel ma tistax twaqqfu kif ġieb u laħaq u lanqas ma tista' tieħu azzjoni evażiva. Dan allura aktar jitfa' oneru fuq l-istess sewwieq biex huwa jkollu għajnejh miftuħa għal dak li qed jiġri quddiemu, ħaġa li l-akkużat ma jidhirx li għamel.

(iii) la darba l-akkużat jistqarr li kien konxju li kien hemm in-nies fit-triq, kien konxju li ma kienx hemm barriers u kien konxju wkoll li ma kien hemm ħadd biex iżomm lin-nies milli jaqsmu t-triq, aktar kien jinkombi fuqu li jippresta attenzjoni biex ma jolqotx lil xi ħadd. Kien obbligat wkoll li f'tali ċirkustanzi jsuq b'veloċita aktar moderata biex jevita li jintlaqat xi ħadd, ħaġa li l-akkużat assolutament ma għamilx.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti m'għandhiex dubju li l-akkużat kien il-kawża prossima ta' dan l-inċident, liema incident seħħ minħabba

traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' attenzjoni da parti tiegħu. Bl-azzjonijiet tiegħu l-akkużat involontarjament ikkaġuna feriti fuq il-persuna tal-parte civile. Dawn il-feriti ġew klassifikati bħala gravi peress li l-parte civile soffriet ksur fi spallitha tax-xellug.[5]

Għalkemm il-Prosekuzzjoni fl-akkuża tallega li dawn il-ġrieħi ġabu l-konsegwenzi indikati fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9, ma inġabu l-ebda provi f'dan ir-rigward. Fl-atti m'hemm xejn x'jindika li l-offiża gravi ikkaġunat fil-vittma debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabet xi difett permanenti jew marda permanenti tal-moħħ. Lanqas ma hemm indikazzjoni li ikkaġunat xi sfreġju fuq il-persuna tagħha. Għalkemm huwa minnu li ħdax -il ġurnata wara li seħħ l-inċident, il-parte civile mietet, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-mewt kienet konsegwenza ta' dan l-inċident. Anzi l-istess uffiċjal Prosekutur fis-sottomissjonijiet finali tiegħu jeskludi dan. Għalhekk il-Qorti tista' tasal biss biex tikkonkludi li l-offiża gravi kaġunata fuq il-persuna tal-parte civile ma ġabitx il-konsegwenzi indikati fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk l-akkuża sejra tirriżulta biss ai termini tal-artikolu 226(1)(b) u mhux ai termini tal-artikolu 226(1)(a) tal-Kap. 9.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 218 u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta **<u>qiegħda issib lill-akkużat</u>**

[5] Ara affidavit ta' Dr Nichola Vella a fol. 12 u 14 tal-proċess.

**ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu in kwantu biss b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna offiża (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta' Emma D'Arcy, liema offiża pero ma ġabitx il-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta** u **qiegħda tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elfejn ewro (€ 2,000).**

(ft) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur